MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 11/2020

Il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'mod *online* permezz ta' *video conference* skond Direttiva Nru 02/2020 maħruġa id-Dipartiment għal Gvern Lokali, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

### 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 10/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

11.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

11.2.3 Is-Sur Baskal Saliba ressaq emenda tal-minuti 10.7.4 – il-ħames punt. Kien hemm qbil mill-membri u l-minuti ġew emendati.

11.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku beda billi semma s-sitwazzjoni xejn feliċi li bħalissa d-dinja għaddejha minnha ħabba l-COVID-19. Hu saħaq li din il-problema issa laqtet ukoll il-gżejjer Maltin. Is-Sindku rringrazzja lil dawk kollha li qegħdin imorru għax-xogħol bilfors, fosthom it-tobba, in-*nurses* u l-Pulizija. Hu kompla billi rringrazzja ukoll lil Gvern ta' l-għajnuna li qed jagħti lil dawk kollha li għandhom bżonn l-għajnuna.

11.3.2 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li qed ikellmuh diversi persuni speċjalment minn Marsalforn, imwerwra li minħabba s-sitwazzjoni preżenti mhux se jlaħħqu bil-paga tax-xahar. Hu kompla li sa issa l-

Kunsill m'għandu l-ebda direttiva biex igħin b'xi mod lil dawn in-nies. Hu kompla billi qal li bħala Kunsill għandna noqgħodu ftit lura fl-infiq għax ma nafux x'se jkun hemm bżonn fix-xhur li ġejjin. Hu appella biex min jinsab fi kwarantina, jibqa' ġewwa u ma jabbużax. Għamel appell ukoll waqt l-użu tat-Trasport Pubbliku u ġewwa l-*bus shelters.* Tenna li n-nies għandhom joqgħodu mbegħdin minn xulxin skond id-direttivi li nħarġu. Hu talab biex bħala Kunsill, iwaħħal avviż ta' prekawzjoni mal-*bus shelters*. Hu żied ukoll li minħabba l-kundizzjoni medika tiegħu, mhux qed jiltaqa' ma' nies, u lanqas jattendi laqgħat, imma qed iżomm kuntatt bit-telefon ma' min ikollu bżonn.

11.3.3 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li kif ġie mħabbar mill-awtoritajiet, il-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' l-Għid ġew imħassra. Il-festi tas-Sajf ġew ridotti. Is-Sur Daniel Cordina sostna li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Kunsill għandu jifhem is-sitwazzjoni tal-parroċċa u jikkopera magħha. Is-Sindku wieġeb li għandna noqgħodu attenti ukoll mill-infiq, għax fir-raħal hemm nies batuti. Hu appella lin-nies biex ma joħorġux bla bżonn u jobdu d-direttivi li qed joħorġu l-awtoritajiet.

11.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill, li fil-ġranet li għaddew sar xogħol ta' manutenzjoni fil-latrina tal-Pjazza, fiż-Żebbuġ. Ġew miżbugħa xi ħitan, installati xi mirja ġodda u tranġaw affarijiet oħrajn. Dan ix-xogħol sar bil-ħaddiema tal-Kunsill.

11.3.5 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva talba mingħand l-ERA li applikant li ssottometta applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq Manwel Stivala, fiż-Żebbuġ, jagħti bħala donazzjoni għoxrin siġra tal-bruk. Dan minħabba l-fatt li l-applikant kellu jaqla siġra fejn se jibni. Dawn is-siġar se jitħawwlu fi Ġnien is-Sagħtrija.

11.3.6 Is-Sindku informa wkoll li minħabba s-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19 u ħabba s-sigurta' tal-ħaddiema, il-ħinijiet ta' l-uffiċċju għan-nies ġew ridotti mit-8.30am sa 12.00pm u l-ħaddiema qed jaħdmu kemm jista' jkun f'forma ta' *skeleton staff*. Kien hemm qbil.

11.3.7 Is-Sindku ta aġġornament fuq is-sitwazzjoni fi Triq iż-Żebbuġ. Hu qal li din it-triq ingħalqet xi tlett ġimgħat ilu. Dan sar wara li Sibt filgħodu rċieva telefonata mingħand l-ispettur tal-Pulizija ħabba rapport ta' periklu fis-sies. Dak inhar stess kien preżenti għal-laqgħa l-Ministeru, u flimkien mal-Ministeru għal Għawdex, il-Pulizija u Transport Malta

ġie deċiż li jsiru blokok tal-konkos taħt is-sies u jsiru tabelli tat-traffiku minn Transport Malta. Hu qal li suppost, bħalissa, min joħroġ mir-raħal irid igħaddi minn Triq ta' Ċenċ. Hu tenna li l-Kunsill ma' għadda l-ebda mozzjoni biex din it-triq tiġi *one way*. Din saret temporanjament sakemm isiru x-xogħlijiet meħtieġa. Hu qal li għalkemm dawn ix-xogħlijiet għadhom ma bdewx, il-Kunsill qed iżomm kuntatt kontinwu mal-Ministeru. Hu tenna li fadal xi permessi li jridu joħorġu. Hu saħaq li r-residenti għandhom jieħdu ftit paċenzja u jużaw toroq alternattivi biex jiġi evitat xi inċident. Jekk isir xi inċident, għax sewwieq ikun saq *wrong way*, hi fir-responsabbilita' tas-sewwieq. Hu fakkar lil dawn ix-xogħlijiet ser isiru u jitħallsu mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku rringrazzja lil Ministeru għal Għawdex ta' l-għajnuna u s-sapport. Is-Sur Baskal Saliba semma li l-problemi tat-traffiku bdew minn meta l-uffiċċjali ta' Transport Malta ma' baqgħux fuq il-post. Is-Sindku wieġeb li l-uffiċċjali ta' Transport Malta kellhom jagħmlu hemm ftit ġranet sakemm in-nies tidra s-sitwazzjoni. Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa biex din il-parti ma tibqax *one way* u min hu dieħel iż-Żebbuġ jagħti prijorità lil min hu ħiereġ. Importanti li jitwaħħlu tabelli speċjalment il-*give way* u veloċita' ta' 15km/h. Hu tenna ukoll li Triq ta' Ċenċ, speċjalment l-aħħar parti hija perikoluża. Is-Sur Daniel Cordina ssuġġerixxa li nitolbu lil Transport Malta, tistax issir ukoll id-*dragon sign* fuq in-naħħa tax-xellug int u ħiereġ mir-raħal, li kienet għaddiet mill-Kunsill. Kien hemm qbil li nibagħtu dawn is-suġġerimenti lil Transport Malta.

11.3.8 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ressaq quddiem il-membri preżenti talba mid-Dipartiment tal-*Beach Cleaning* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex għal xiri ta' żebgħa u materjal biex jintuża ġewwa Marsalforn qabel jidħol is-Sajf. L-istima ta' dan il-materjal kienet ta' madwar €2,015. Kien hemm qbil li jinxtara dan il-materjal bħas-soltu.

11.3.9 Ġibed l-attenzjoni li l-*photocopier* ta' l-uffiċċju ġratilha l-ħsara u mhux taħdem sew. Hu tenna li biex tittranġa, il-fornitur ta stima ta' madwar €700. Is-Sindku qal li wara li nġabru tlett kwotazzjonijiet, l-irħas stima li rċieva l-Kunsill għal waħda ġdida, hi ta' madwar €1,500. Kien hemm qbil li tinxtara waħda ġdida.

11.3.10 Is-Sindku nforma li hemm appell mill-applikant mid-deċiżjoni fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' żvilupp Nru: PA 8021/19, fi Triq Dun Karm Cachia. Se jkun qed jattendi l-Perit tal-Kunsill għal din is-seduta.

11.3.11 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill ġie infurmat li hemm appell ukoll fl-applikazzjoni Nru PA 5514/19 għal żvilupp ta' *salt pans* u *store* għall-melħ fix-Xwejni. Din is-seduta kellha ssir fit-18 ta' Marzu. Kellu jattendi l-Perit imma din is-seduta ġiet kanċellata. Is-Sur Daniel Cordina staqsa x'inhi l-posizzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb naraw x'se tiddeċiedi l-*Planning Authority*. Is-Sur Daniel Cordina tenna li fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jaqbel ma' applikazzjonijiet bħal dawn. Is-Sindku enfasizza li l-Kunsill hu biss infurmant f'dan il-każ.

11.3.12 Is-Sindu s-Sur Nicky Saliba semma wkoll li x-xogħlijiet fuq Triq Għajn Mhelhel bħalissa huma weqfin. Saret laqgħa mal-Kuntrattur nhar l-10 ta' Marzu 2020 fejn għaliha kienu preżenti s-Segretarju Eżekuttiv, s-Sindku, il-Viċi Sindku, u s-Sinjura Sandra Grech. Is-Sur Daniel Cordina u s-Sur Baskal Saliba kienu skużati. Kien hemm qbil li jingħata madwar tlett ġimgħat aktar fuq it-terminu tal-kuntratt tiegħu ħabba l-fatt li Triq iż-Żebbuġ kellha tingħalaq ħabba l-periklu tas-sies. Is-Sindku qal wkoll li l-kuntrattur nforma lill-Kunsill li biex igħaqqad il-kanna l-ġdida mal-kanna eżistenti hemm bżonn li jibqa' tiela' sal-isqaq. Se jitqaxxar it-tarmac eżistenti minn ħajt sa ħajt u dik il-biċċa tingħata tarmac ġdid biex ma' jkunx hemm xogħol ta' rqajja. Kien hemm qbil. Is-Sur Daniel Cordina ssuġġerrixxa li x-xogħol fuq Triq Għajn Mhelhel jitkompla wara li x-xogħlijiet ta' Triq iż-Żebbuġ jitlestew. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

11.3.13 Is-Sindku nforma lil membri preżenti li wara qbil bejn il-membri, il-Kunsill ingħaqqad mal-Kunsill tan-Nadur u kunsilli oħra Għawdxin fir-rigward tal-petizzjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-artijiet.

11.3.14 Informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mid-Dipartiment dwar l-iskema *Apparat għal sistemi ta' Irrigazzjoni* li applika għaliha l-Kunsill. Din l-iskema ġiet estiża sa' l-aħħar ta' Ottubru 2020.

11.3.15 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni ta' dawk preżenti li fl-aħħar jiem, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' mal-Perit biex jiddiskutu diversi temi pendenti fosthom it-tender tal-Playingfield taż-Żebbuġ. Is-Sindku enfasizza l-punt biex jerġa' joħroġ dan it-tender kemm jista' jkun malajr.

## 11.4 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Ottubru 2019 – Diċembru 2019

11.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 t'Ottubru 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019. Huwa qal li dan ir-rapport qed jirrifletti r-riżultati murija fil-*Financial Statements* approvati fil-laqgħa preċedenti.

11.4.2 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Ottubru 2019 – Diċembru 2019 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

## 11.5 Jum iż-Żebbuġ 2020

11.5.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li minħabba ċ-ċirkustanzi u s-sitwazzjoni preżenti ħabba l-COVID-19, l-avvenimenti ta' Jum iż-Żebbuġ mhux ser isiru u jitħalla kollox għas-sena d-dieħla. Hu qal li s-serata kienet maħsuba li ssir nhar il-25 ta' April 2020. Is-Sur Baskal Saliba qal li għal bidu kien se jissuġġerixxi li nipposponuh għal aktar tard matul is-sena, imma la darba tħassru anke l-festi jaqbel li jitħassar ukoll. Is-Sur Daniel Cordina qal li s-sitwazzjoni hi kif inhi, u jaqbel li jitħassar kollox. Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa biex jingħataw iċ-ċertifikati għal dawk li attendew l-korsijiet li saru fis-Sajf 2019. Kien hemm qbil li jitħassru l-avvenimenti ta' din is-sena, jingħataw iċ-ċertifikati tal-korsijiet tas-Sajf u jintbgħatu bil-posta.

## 11.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

11.6.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Talbet biex tittranġa l-i*sleeping police* għolja li hemm fi Triq il-Mitħna. Is-Sindku wieġeb biex inkellmu lil Perit fuqha. Is-Sur Daniel Cordina stqarr li din kienet saret f'ċirkustanzi differenti u kien hemm il-bżonn li ssir. Hu kompla billi qal li illum minħabba s-sitwazzjoni li l-Kunsill qiegħed fiha qed jgħaddu ħafna karozzi, hu ssuġġerixxa li titneħħa jew li ssir i*sleeping police* baxxa tal-*plastic* u tabelli. Is-Sur Daniel Cordina kompla, biex iwieġeb xi kummenti fuq *Facebook*, li din l-i*sleeping police* kienet saret bil-permess ta' Transport Malta. Kien hemm qbil li nitkellmu mal-Perit tal-Kunsill.

- Issuġġeriet li l-aħħar parti ta’ Triq ta’ Ċenċ titqaxxar għax perikoluża. Is-Sindku wieġeb li għadda jiċċekjaha u qal li jekk titqaxxar aktar mhux se jkun fadal xejn u tiġi tiżloq aktar. Kien hemm qbil li nitkellmu mal-Perit tal-Kunsill.
- Infurmat lil dawk preżenti li hemm l-i*slipway* tal-Qbajjar għandha bżonn manutenzjoni u konkos għax qed isibuha diffiċli biex iniżżlu d-dgħajjes. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġa għamel talba lil Ministeru għal Għawdex.
- Talbet illi issa li nbidel il-Ministru għal Għawdex, issir talba lil Ministeru għal Għawdex, biex tiġi asfaltata l-parti tat-triq fil-bidu ta’ Triq Ponta minn Triq il-Kappillan Franġisk Vella / Triq Ġoma. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.
- Talbet biex issir talba lil Ministeru għal Għawdex biex jitnaddaf il-Wied ta’ Marsalforn, il-parti ta’ ħdejn *ir-restaurants*. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġa għamel din it-talba lil Ministeru għal Għawdex.
- Talbet aġġornament fuq l-ilma ta’ Triq il-Qbajjar, Marsalforn. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ntbagħtet l-ittra bl-Avukat tal-Kunsill fil-bidu tal-ġimgħa lil diversi dipartimenti u sa issa ma’ kienx hemm risposta. Is-Sindku nforma li din l-ittra ġiet iċċirkulata mal-kunsilliera kollha qabel ma ntbagħtet.
- Talbet aġġornament fuq it-tender tal-Playingfield taż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li din ġa ssemmiet aktar kmieni matul il-laqgħa.
- Talbet aġġornament fuq it-tender tal-bankini. Hi tenniet li n-nies qed tgerger ħafna fuq l-istat ta’ ċertu bankini fir-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bagħat email u ċempel kemm il-darba lill-kuntrattur imma sa issa l-Kunsill ma rċieva ebda dokument. Kien hemm qbil biex il-Kunsill jerġa’ jibgħat *reminder*. Is-Sindku saħaq li rridu noqgħodu attenti mill-finanzi ukoll.
- Talbet aġġornament fuq it-Tender tal-Ħitan tas-sejjiegħ tas-Sagħtrija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed jistenna l-*go ahead* mingħand l-*Managing Authority* tal-Miżura 4.4 ta’ tal-fondi Ewropej.
- Talbet aġġornament fuq il-laqgħa mal-Perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li iltaqa’ mal-Perit xi ġranet ilu. Fost id-diversi temi, ġie diskuss il-periklu taħt Triq Għar Qawqla; bandli perikolużi fil-Playingfield taż-Żebbuġ; it-tender tal-Ħitan

tas-Sejjiegħ; il-periklu fi Triq is-Sagħtrija; *traffic measurements* u *safety precautions* fil-bidu tar-raħal, fi Triq il-Qbajjar, fi Triq Ulisse, fi Triq il-Munġbell, fi Triq Għar Qawqla, fi Triq Għajn Mhelhel u fi Triq ix-Xagħra.

11.6.2 Il-Kunsillier s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Ippropona li peress Triq ta' Ċenċ qed tintuża aktar minn qatt qabel u tinsab bżonjuża għar-residenti fiċ-ċirkustanzi li ninsabu fihom, hux possibli li l-aħħar parti titqaxxar biex ma tiżloqx. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.
- Ippropona biex titbaxxa l-i*sleeping police* li hemm fi Triq il-Mitħna, peress li ċertu karozzi qed iħokku magħha. Is-Sindku wieġeb li ġa ġiet diskussa aktar kmieni fil-laqgħa.
- Talab aġġornament fuq id-*dragon sign* li kellha ssir fi Triq Għajn Mhelhel maġenb il-post ta' T. Vella. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qed jistenna mingħand il-Perit tal-Kunsill u wara tintbagħat it-talba lil Transport Malta.
- Ippropona biex fiċ-ċirkustanzi li ninsabu fihom, il-ħaddiema tal-Kunsill jingħataw il-mezzi kollha ta' prekawzjoni għall-ġid tagħhom u tal-familjari tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill għamel disponibbli *hand sanitizers*, maskli u ingwanti kemm għall-ħaddiema ta' l-uffiċċju u kemm dawk ta' barra. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lil dawk preżenti li l-Kunsill installa *perspex* fir-*reception* tal-Kunsill għas-sigurtà tal-ħaddiema.
- Ippropona biex fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha, jingħalqu temporanjament il-latrina taż-Żebbuġ u dawk ta' Marsalforn. Hu qal li qed iwassal il-messaġġ ta' diversi familji inkwetati. Hu informa li ċertu kunsilli ġa għalqu l-latrini rispettivi tagħhom. Hemm bżonn li nikkoperaw biex innaqqsu l-imxija ta' dan il-virus. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru għal Għawdex fuq il-latrini li jaqgħu taħtu.
- Innota li għalkemm il-Kunsill għalaq l-aċċess tal-bandli ġewwa ż-Żebbuġ u Marsalforn, xorta waħda xi barranin qed jidħlu. Issuġġerixxa biex il-Kunsill idawwar il-madwar tal-bandli b'*tape* aħmar u abjad sabiex ma jintużawx. Kien hemm qbil dwar dan.
- Ħa l-opportunta' biex f'dawn il-mumenti diffiċli jirringrazzja lis-

Sindku s-Sur Nicky Saliba u lis-Segretarju tal-Kunsill li f'kull mument ta' emerġenza u f'kull deċiżjoni iebsa, għamlu dak kollu possibli, b'koperazzjoni sħiħa mal-kunsilliera sabiex ittieħdu deċiżjonijiet għaqlin għal ġid tal-komunità.

- Għamel appell lil dawk kollha li b'xi mod jistgħu jkunu ta' għajnuna għal min hu fil-bżonn. Hu tenna li għalkemm mhix għotja kbira, se jkun qed jgħaddi s-salarju tiegħu tax-xahar ta' Marzu u April lill-Arċipriet tar-raħal. Jekk is-sitwazzjoni titwal, ma jeskludix li jgħaddi ukoll is-salarji tax-xhur ta' wara.
- Issuġġerixxa biex il-Kunsill joqgħod aktar b'għajnejh miftuħa għall-anzjani tar-raħal għal kull tip ta' għajnuna li jkollhom bżonn. Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini infurmat li tħabbru aktar miżuri għal nies vulnerabli u anzjani ftit tal-minuti qabel. Is-Sindku ssuġġerixxa biex niktbu avviż fuq il-paġna ta' *Facebook*, biex min għandu bżonn xi tip ta' għajnuna jinforma lis-Sindku jew iċempel il-Kunsill. Is-Sur Daniel Cordina offra l-għajnuna u d-disponibbilita' kollha tiegħu. Is-Sindku wieġeb, naraw x'se tkun id-domanda tan-nies u nimxu minn hemm.

11.6.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Għamlet appell biex nobdu d-direttivi ta' l-awtoritajiet, speċjalment fuq it-Trasport Pubbliku.
- Talbet aġġornament fuq l-ilma li ħiereġ fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa aktar 'il quddiem waqt il-laqgħa.
- Infurmat lil dawk preżenti li bħalissa f'Marsalforn hemm il-biża li jista' jsir serq fuq anzjani u fuq dawk li jgħixu waħedhom. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Pulizija biex isiru aktar rondi. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.
- Infurmat li wara komunikazzjoni li kellha mas-Sinjura Mary Portelli li taħdem il-*mosaic* infurmatha li d-disinn tat-taraġ ta' ħdejn l-għassa lest. Hi qalet li dik kienet għaddiet mil-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed nistennew mingħand il-Perit. Hu qal li mill-aħħar informazzjoni li kellu l-Kunsill kienet li l-aħħar fażi ta' dan it-taraġ kien se jitlesta fl-aħħar ta' Lulju.
- Stqarret li bħalissa xogħla kuljum hu fuq il-miżuri li ħabbar l-Gvern permezz tal-*Malta Enterprise.* Hi qalet li mit-Tnejn ta' wara, min jixtieq japplika jista' jidħol fuq covid19.maltaenterprise.com. Is-Sindku wieġeb biex

informazzjoni bħal din li tgħin lin-nies, tiġi mtellgħa fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti bil-*platform* ġdida li nħolqot bil-kollaborazzjoni ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bl-isem *YousafeZebbug(Gozo)*. Paġna fejn ir-residenti jistgħu jsemmgħu leħinhom, iressqu l-ilmenti tagħhom u jingħataw l-informazzjoni meħtieġa. Hu tenna li l-kunsilliera kollha qegħdin *onboard* fuq din il-paġna.

11.6.4 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Informa li s-Sezzjoni Żgħażagħ jixtiequ jixtru xi aċċessorji u tapiti li jistgħu jintużaw għall-*carwashes*. L-istima hi ta' madwar €267. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas għal dawn l-ispejjeż.
- Talab aġġornament fuq il-Latrina tax-Xwejni. Hu qal li issa daqt wasal Sajf ieħor u għadda kull limitu. Issuġġerixxa li noħorġu *tender* għax-xogħlijiet. Is-Sindku wieġeb li *tender* kien diġa' ħareġ u ġie għoli. Hu kompla billi qal li l-Kunsill qabel li dawn ix-xogħlijiet isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sur Daniel Cordina ssuġġerixxa li jingħataw *direct orders* fil-limitu permessibli mil-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa bdew isiru *deliveries* ta' xi affarijiet u l-*electrician/plumber* beda jqatta għad-dawl u l-ilma. Is-Sindku wieġeb li se jkun hemm aktar minn ħaddiem wieħed tal-Kunsill jaħdmu fil-latrina. Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa li l-Kunsill joffri xogħol lir-residenti taż-Żebbuġ u Marsalforn jekk ikollu bżonn.
- Informa lil dawk preżenti li hemm bozza maħruqa fi Triq il-Munġbell. Is-Sindku wieġeb biex jingħataw aktar dettalji sabiex tiġi rrapurtata din il-bozza.
- Talab għal aktar rondi mill-Pulizija ġewwa Marsalforn, f'dawn iż-żminijiet. Kien hemm qbil dwar dan.

## 11.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

11.7.1 Korrispondenza mill-Uffiċċju tal-President – *Easter Figolli Sale in aid of MCCFF*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.2 Korrispondenza DLG – *Non Health Care Setting – Getting Workplace Ready for Covid-19.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.3 Korrispondenza MEUSAC – Opportunità ta' Fondi tal-UE. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.4 Korrispondenza AKL – Sessjoni Informattiva – *Ambjent*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.5 Korrispondenza AKL – Ittra ta' Permess – Imwejjed u Siġġijiet (Seagulls, Triq ix-Xwejni). – Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.6 Ċirkulari mingħand Is-Sur Y. Magro – *GAG4 – Rejuvenating Gozo – Pre-call & Info Session*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.7 Korrispondenza Uffiċċju Kultura MGOZ – *Cultural events during May.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.8 Korrispondenza mingħand Is-Sur E. Tal, Transport Malta – *Invitation for Information Session (MyMalta Plan App)*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.9 Korrispondenza mingħand *Wise Owl Publications* – Fiera' ta' kotba f'Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.10 Ċirkulari AKL 2020/018 – *Mater Dei Hospital – Health & Fitness Day 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.11 Ċirkulari DLG – *Launch of Public Enquiry.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.12 Korrispondenza mill-Uffiċċju Kultura, Għawdex – *Gozo Alive – Stedina.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.13 Ċirkulari AKL 2020/019 – *COVID-19* Tqassim ta' maskli u ingwanti disponibbli mill-AKL. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.14 Korrispondenza mingħand Is-Sa. V. Veen dwar *Request for sponsorship for the new book about Gozo by dra Veronica Veen, and activities around it.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.15 Ċirkulari AKL 2020/020 – Laqgħat u Sessjonijiet ta' informazzjoni – Prekawzjonijiet f'dan il-perjodu li għaddejjin minnu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.16 Ċirkulari AKL 2020/021 – Seduti tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.17 Korrispondenza – *Malta Line Circle*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.18 Ċirkulari AKL 2020/023 – Rakkomandazzjonijiet mill-AKL – COVID-19 Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.19 Ċirkulari AKL 2020/023 – *Facebook – YouSafe SOS.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.20 Ċirkulari AKL 2020/024 – *Important notice regarding the submission of Health Claims – COVID-19.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.21 Direttiva DLG 02/2020 – Corona Virus (COVID-19). Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.22 Korrispondenza DLG – *Initiative for people who are on their own.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.23 Ċirkulari DLG 03/2020 – *Microsoft Teams.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.24 Ċirkulari DLG 04/2020 – *Allocation 2020 – Ring Fencing*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.25 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- *Gozo Motocross Association* – Kompetizzjoni *Enduro* fl-inħawi tax-Xwejni – 11 ta' April 2020;
- Ing. T. Galea – *Car Boor Sales – Marsalforn Parking* – 5 ta' April 2020, 3 ta' Mejju 2020 u 7 ta' Ġunju 2020;
- Rubert Azzopardi obo Abrahams – Attività Soċjali fis-Salt Pans, Xwejni – 4 ta' Ġunju 2020;
- George Borg obo Abrahams – Attività Soċjali fis-Salt Pans, Xwejni – 8 ta' Awwissu 2020;
- Brian Sultana – Tieġ fis-*Salt Pans,* Xwejni, Marsalforn – 6 ta' Ġunju 2020;
- Victor Refalo – *Ekxa Kiosk – Social Events* – 5, 6, 12, 13, 19, 20, 26, 27 ta' Ġunju 2020;

3, 4, 10, 11, 17, 18, 24, 25, 31 ta' Lulju 2020;
1, 7, 8, 14, 21, 22, 28, 29 ta' Awwissu 2020;
4, 5, 11, 12, 18, 19, 25, 26 ta' Settembru 2020.

- Gary Doyle obo Glass Box Bar - *Band* –
  3, 7, 10, 14, 17, 21, 24, 28 ta' Ġunju 2020;
  1, 5, 8, 12, 15, 19, 22, 26, 29 ta' Lulju 2020;
  2, 5, 9, 12, 16, 19, 26, 30 ta' Awwissu 2020;
  2, 6, 9, 13, 16, 20, 23, 27, 30 ta' Settembru 2020;
  4, 7, 11, 14, 18, 21, 25, 28 ta' Ottubru 2020.

Il-Kunsill qabel li għalissa ma jinħareġ l-ebda permess ta' divertiment, anke skond il-miżuri li nħarġu mill-Awtoritajiet.

11.7.26 Ilment Nru. 21/2020 – G. Cini
Talab biex tittranġa rampa li tagħti għal-għalqa tiegħu mit-Triq Wied l-Infern. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu ħaddiem tal-Kunsill jara x'hemm.

11.7.27 Ilment Nru. 22/2020 – L. Zahra
Jitlob biex tittranġa bankina eżistenti għax miksura peress li nbena post ġdida fl-indirizz 54, Triq Skapuċċina, Żebbuġ. Kien hemm qbil biex titniżżel fil-lista ta' bankini li jridu jsiru bit-tender.

11.7.28 Ilment Nru. 23/2020 – S. Grech
Talab biex jittranġa ħajt tas-sejjiegħ li hemm fit-Triq Għajn Mhelhel fejn kien ġej il-*belveder*. Kien hemm qbil dwar dan.

## 11.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 09/2020 għall-perjodu bejn it-22 ta' Frar 2020 u l-20 ta' Marzu 2020 li tammonta għal €54,848.95 ġiet approvata u ffirmata.

## 11.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 28 ta' April 2020 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 28 ta' April 2020.

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *iffirmata* |
| Nicky Saliba<br>Sindku | Neville Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |